MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2006

Appell Kriminali Numru. 257/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Sandro Zarb)**
**Vs**
**Mohammed Tensi**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Mejju, 2005 ghall-habta ta' nofs il-lejl, gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, l-Floriana, bhala persuna mizmuma skond il-Ligi,
1) harab minn post ta' kustodja, jew mill-kustodja tal-persuna jew persuni nkarigati mill-kustodja tieghu, liema harba saret bi ksur tal-post imsemmi;
2) matul l-istess lejl gewwa l-Belt Valletta, ghamel offizi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' PC 94 Jack Farrugia u PC 942 Saviour Chircop, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li

kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz, kif iccertifikat Dr. Patricia De Gabriele M.D mic-centru tas-Sahha tal-Floriana;

3) matul l-istess lejl, hinijiet, postijiet u cirkostanzi, volontarjament hassar ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ fil-“perimeter fence” tac-centru ta’ detenzjoni gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, l-Floriana kif ukoll fl-uniformi ta’ PC 942 Saviour Chircop, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (LM50) imma hija izjed minn ghaxar liri Maltin (LM10), ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta;

4) sar recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), moghtija mill-Magistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D nhar is-7 ta’ Frar, 2005, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tinbidel.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-12 ta’ Settembru, 2005, li biha, wara li rat l-artikoli tal-ligi 152, 95, 221(1), 325(1)(c), 49, 50, 31 u l-ahhar proviso tal-artikolu 325(1) tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu w ikkundannatu ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) u ghaxar (10) xhur prigunerija w tmienja w erbghin Liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (LM48.61) multa ekwivalenti ghall-hsara volontarja li saret mill-appellant fuq propjeta pubblika w cioe’ fil-“perimeter fence” tac-centru ta’detenzjoni gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, l-Floriana, kif ukoll fl-uniformi ta’ PC 942 Saviour Chircop.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 ta’ Settembru, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabitu hati tal-akkuzi dedotti kontrih w ikkundannatu ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) u ghaxar (10) xhur prigunerija w tmienja w erbghin Liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (LM48.61) multa, tilliberah minn kull piena w htija skond il-ligi w, f’kaz li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, talab li tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghall-kaz odjern.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :-**

**1. li l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni zbaljata tal-ligi ghaliex hawn si tratta ta' akkuza taht l-artikolu 152 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta illi jghid li "*Kull prigunier li jinsab hati li harab minn post ta' kustodja jew ta' piena jew minn xi sptar fejn ikun qieghed ghall-kura jew osservazzjoni jew mill-kustodja tal-persuna jew persuni inkarikati mill-kustodja tieghu",* jkun hati ta' reat u l-Artikolu 151 jiddefinexxi prigunier bhala: "*kull persuna li tkun mizmuma f' habs u tinkludi priguneir filqwaqt illi jkun qed jingarr ghal jew minn habs ghall-iehor jew filwaqt li jkun qieghed taht kura jew osservazzjoni f'xi sptar."* Illi mill-awturi jidher li s-suggett attiv ta' dan ir-reat ma huwiex kull min hu deprivat mill-liberta' tieghu w mizmum f' post ta' kustodja. Izda dan ir-reat jista jigi kommess biss minn min hu deprivat mill-liberta' tieghu jew ghaliex b' ordni ta' xi Qorti qed jiskonta sentenza jew qed jitmexxew proceduri kriminali fil-konfront tieghu ghaliex hu akkuzat li kkommetta reat. L-appellant ma kkommetta ebda reat kontemplat fil-ligijiet ta' Malta u kien qed jinzamm f' centru ta' detenzjoni semplicement sabiex ikunu jistghu jsirulu dokumenti sabiex ikun jista' jintbaghat lura lejn pajjizu, stante li l-permess biex jibqa' Malta kien skada waqt li kien qed jinzamm fil-Facilita' Korrettiva ta' Koridin Ghalhekk hu ma jaqax taht id-definizzjoni moghtija mill-legislatur ghall-kelma prigunier. Illi l-appellant kien qed jinzamm goc-centru ta' detenzjoni in forza ta' ordni mahruga ai termini tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ma jekwivalix ghal dak li l-legislatur ried ifisser bil-kliem *"mizmum f' habs"*.ghaliex skond din il-ligi "*Persuna mizmuma taht il-kosutodja skond dan l-att imma li ma tkunx qed tiskonta sentenza ta' prigunerija , tista' tinzamm fil-habs, jew f' xi post iehor stabbilit mill-Ministru ghal dan l-iskop... izda jekk tkun mizmuma f' habs ghandha tkun meqjusa bhala persuna li tkun ser tigi processata."* Illi hu evidenti li l-legislatur ried li reati li jigu kommessi f' dawn ic-centri**

**ta’ detenzjoni jkunu distinti minn dawk kontemplati fil-Kodici Kriminali u dana stante li l-persuni hemm mizmuma ma jkunux ikkommettew hsara kontra l-ordni pubblika izda jkun skadhielhom il-permess li jibqghu fil-gurisdizzjoini taghna jew ma jkollhomx permess jidhlu Malta. Ghalhekk il-legislatur jghid : *“il-Ministru jista’ jaghmel regolamenti ghat-tmexxija, kontroll, u dixxiplina ta’ kull post stabilit minnu …ghad-detenzjoni ta’ persuni … u ghall-piena li jehlu persuni mizmuma fih fil-kaz li jkunu ghamlu xi reat kontra dawk ir-regolamenti, izda dik il-piena ma ghandhiex tkun aktar mill-piena stabbilita mill-Kodici Kriminali ghall-kontravvenzjonijiet*.” Ghalkemm l-appellant kellu harba ohra, ma kienux ittiehdu passi kontra tieghu skond ma ddecieda l-Ispettur S. Zarb. Ghalhekk wiehed jistaqsi jekk hawnx xi reat kontemplat fil-Kodici Kriminali fejn Ufficjal tal-Korp tal-Pulizija ghandu l-fakolta’ iressaqax il-Qorti jew le, kif kien gara f’ dan il-kaz? Dan ikompli jikkonferma li din il-harba ma taqax taht l-artikolu 152 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, izda ghandha tigi punita skond regolamenti – jekk dawn ikunu jezistu – maghmula mill-Ministru a tenur ta’ l-artikolu 34 tal-Kap.217.**

**2. Illi minghajr pregudizzju, l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi. Ma gietx esebita kopja legali tal-ordni ta’ tnehhija fil-konfront tal-appellant u l-Ewwel Qorti strahet biss fuq id-depozizzjoni tal-Ispettur Mario Haber u skartat li d-dokument li gie esebit kien biss bil-lingwa Gharbeija minghajr ma saret traduzzjoni awtentika tieghu. Dan id-dokument mhux ammissibbli ghax il-lingwa tal-Qrati hija l-Malti u l-Ingliuz. Illi biex l-Ewwel Qorti sabet htija fuq l-akkuza ta’ ksur tal-post tal-kustodja strahet biss fuq l-istqarrija tal-appellant u ma ingiebu ebda xhieda okulari illi raw lill-appellant jaqta’ l-*fence*. Illi kien improbabbli li l-appellant ikun hu li qata’ l-*fence* b’ xi haga taqta’ meta kien ghadu kif ingab minn Kordin u saritlu tfittxija u ghalhekk ma setax f’ periodu tant qasir jakkwista ghodda sabiex jaqta’ *fence*. Li l-ewwel Qorti skartat illi dak in-nhar kien hemm aktar detenuti li li kienu qed jippruvaw jaharbu. Li l-Ewwel Qorti**

**skartat il-fatt li l-parti tal-*fence* minn fejn saret il-habta hija pjuttost dghajfa . Ghalhekk hemm dubju ragonevoli kemm l-appellant kien qata' l-*fence* hu. Ghalhekk ma setax jinstab hati ta' harba bil-vjolenza,**

**Li dwar l-akkuza li l-appellant ghamel feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 94 Jack Farrugia u PC 942 Saviour Chircop u hsara fl-uniformi ta' PC Chircop, l-Ewwel Qorti skartat il-fatt illi sabiex twettaq l-arrest tal-appellant, dan sofra griehi. Hu aktar verosimili li l-piulizija wegggħu u l-uniformi tqattghet fil-kommozzjoni meta tnax il-Pulizija ippruvaw jarrestaw lill-appellant u li l-pulizija kien laqat idejh ma x'imkien. 3. li, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-piena inflitta kienet eccessiva u harxa izzejjed meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi tal-kaz.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant, esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat in-Nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Generali tat-28 t' Ottubru, 2005 u dik tal-appellant tat-3 ta' Novembru, 2005;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-ewwel aggravju huwa wiehed ta' indoli prettament legali. Illi fin-Nota tal-Osservazzjonjiet tieghu,l-Avukat Generali ssottometta li mhux kontestat li l-appellant kien detenut bhala immigrant illegali fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija peress li ma kellux permess validu sabiex jibqa' Malta u kien diga' nstab hati ta' reati punibbli b' oltre minn sena prigunerija. Mela dan iwassal ghall-konkluzzjoni li l-appellant kien detenut f' post ta' detenzjoni legalment ai termini tal-Artikolu 5 (1) (2) u 14 (1) (2) tal-Kap.217 . Illi l-pozizzjoni tal-immigranti llegali tohrog car hafna mis-sentenza tal-5**

**ta' Novembru, 2004 fl-ismijiet "**Karin Barboush vs. Kummissarju tal-Pulizija" **tal-Qorti Kriminali, fejn il-Qorti qalet li dawn il-persuni ghandhom jinzammu detenuti sakemm jitnehhew minn Malta. L-appellant ghamel premessa zbaljata ghax meta jirriferi ghad-definizzjoni tal-artikolu 152 tal-Kodici Kriminali, jonqos li jsemmi l-artikolu 160 tal-istess Kodici li jghid li l-artikolu 152 huwa applikabbli fil-kaz ta' harba ta' persuni mizmuma skond il-ligi minn lok ghall-kustodja taghhom. Issottometta ukoll li l-elementi rikjesti huma li jkun hemm <u>harba</u>, <u>ta' persuna</u>, <u>mizmuma legalment</u>, minn <u>post ta' detenzjoni</u>. F' dan l-kaz mhux kontestat li l-appellant harab mill-Kwartieri tal-Pulizija il-Furjana w li nqabad f' hanut il-Belt, Valletta. Illi certament l-appellant kien persuna li kienet detenuta f' Centru ta' Detenzjoni. Illi kien detenut legalment ai termini tal-artikolu 5 (1)(2) u 14 (1) (2) tal-Kap.217 . Li l-Kwartieri Generali tal-Pulizija huwa post ta' detenzjoni a bazi tal-Avviz Legali 217.03 mahrug fl-10 ta' Marzu, 1995. Ghalhekk l-elementi kollha huma sodisfatti. Ir-riferenza li saret mill-appellant ghal gurisprudenza u ligijiet barranin mhix necessarjament applikabbli ghal dan il-kaz. L-argument li setghu saru regolamenti ta' dixxiplina tad-detenuti ai termini tal-Kap.217 huwa irrilevanti ghax jekk ikun hemm ksur tal-Kodici Kriminali, xorta tista' tittiehed azzjoni skond l-istess Kodici sakemm ma jkunux ittiehdu, per ezempju, mizuri skond ir-Regolamenti tal-Habs f' kaz ta' prigunieri.**

**Illi fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tieghu fuq riferita, l-appellant, apparti milli rega' tenna hafna mis-sottomissjonijiet li hu kien gja ghamel fir-rikors tal-appell tieghu, ghamel ukoll riferenza ghad-dibattitu parlamrentari , fejn gie citat dak li qal il-Ministru Tonio Borg (fis-seduta parlamentari numru 768 tal-5 ta' Lulju, 2002 ) u cioe' :-**

*"..nehhejna milli jkun reat kriminali l-fatt biss li persuna tkun Malta illegalment. Dan ma jfissirx li jekk persuna tinqabad hawhekk, m'mod illegali, tithalla tigri mas-saqajn, imma l-unika haga li jkunu jistghu jaghmlu l-awtoritajiet ta'*

*l-immigrazzjoni f' dan il-kaz hija li jarrestaw lil din il-persuna, izommuha in detention sakemm titkecca mill-pajjiz, u eventwalment ikeccuha biss bis-salvagwardji kollha li semmejt. Peress li issa, dan il-poter gie trasferit mill-Qorti ghat-tribunal amministrattiv, m'huwiex se jkun possibbli aktar li persuna tispicca fil-habs, kif gieli gara, semplicement ghax tkun inqabdet f' Malta illegalment."*

**Gie ribadit ukoll li c-citazzjoni tas-sentenza fil-kaz ta'** Barboush **ma hix rilevanti ghal dan il-kaz, ghax mhux qed jigi kontestat jekk l-appellant kellux jinzamm f' centru ta' detenzjoni jew le. Illi l-artikolu 160 li fuqu qed jistrieh l-Avukat Generali, ma hux xi emenda ricenti li b' xi mod tbiddedl drastikament l-intenzjoni tal-legislatur mall-kumplament tal-ligijiet penali f' dan is-subartikolu. Imma din giet mizjuda mall-Kodici Penali fil-1903 u qabel ma nkiteb il-Kummentarju tal-Prof. Sir Anthony Mamo. Ghalhekk dan l-artikolu zgur li ma jistax jeffettwa dak li qalu l-awturi w il-gurisprudenza citati fir-rikors tal-appell.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi fir-rigward tal-ewwel aggravju, rrizulta bla ebda dubju li l-appellant kien persuna, mizmuma skond il-ligi, f'lok mahtur ghall-kustodja tieghu. Dan mhux kontestat mill-istess appellant ghax fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tieghu jghid testwalment :-** ***"..fl-appell odjern ma huwiex qed jigi kontestat jekk l-esponent ghandux jinzamm go centru ta' detenzjoni jew le. Anzi l-esponent jaf li ma ghandux permess joqghod Malta u <u>ghalhekk postu hu go centru ta' detenzjoni</u> sakemm isirulu d-dokumenti mehtiega sakemm ikun jista' jintbaghat lura lejn pajjizu."*** **(Sottolinear tal-Qorti). Ma hemmx dubju ukoll li hu harab mill-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn kien detenut sakemm kien qed jistenna li jsirulu d-dokumenti biex ikun jista' jigi ripatrijat. Ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti toqghod tidhol fil-kwistjoni jekk giex pruvat jew le jekk kienx detenut skond il-ligi.**

**Issa fil-waqt li l-appellant jidher li jista' jkollu ragun meta jargumenta li hu ma jistax jitqies bhala "prigunier" fid-definizzjoni moghtija fl-artikolu 151 li tapplika ukoll ghall-artikolu 152 tal-Kodici Kriminali li tahtu nstabet htija billi hu ma kienx jinsab f' "habs" meta harab u lanqas ma kien qed jingarr minn habs ghall-iehor jew kien taht kura jew osservazzjoni f' xi sptar, l-artikolu 160 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li d-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 151 sa 159 "*jghoddu fil-kaz ta' harba ta' persuni* <u>*, mizmuma skond il-ligi, minn lok mahtur ghall-kustodja taghhom."*</u> (sottolinear tal-Qorti)**

**L-appellant pero' ghamel riferenza ghan-noti tal-**Professur Sir Anthony Mamo **u ccita l-bran : "*Now most systems of positive law, following the more commonly accepted doctrine, do not consider as a criminal offence the simple escape from prison of persons detained therein under custody".* Dan pero' il-Mamo kien qed jghidu meta kien qed jikkumenta dwar l-artikolu 149 (illum art. 151) tal-Kodici Kriminali , qabel ma dan gie emendat bl-Att VII tal-1999 li estenda l-applikazzjoni tar-reat ta' harba semplici minn wahda limitata ghal persuna ikkunndannata ghal "*kull prigunier iehor li jinsab hati ta' harba semplici mill-habs jew mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni inkarikati mill-kustodja tieghu.*" Ghalhekk din ic-citazzjoni ftit ghandha rilevanza ghas-sitwazzjoni tal-lum.**

**L-istess kumment tal-**Professur Mamo **kien inkiteb precedentement ghall-emendi simili li saru bl-Att VII tal-1999 fuq imsemmi ghall-artikolu 150 (illum 152) tal-Kodici Kriminali, fejn jidher car li l-ghan tal-legislatur kien li jwessa' l-applikazzjoni tar-reat ta' harba aggravata anki ghal minn jahrab mill-kustodja ta' persuna jew persuni inkarikati mill-kustodja tieghu, ikun fejn ikun.**

**Tajjeb li jigi rilevat li l-istess** Professur Mamo **fin-noti tieghu, meta kien qed jittratta jekk tali reat jikkonfigurax fil-kaz ta' persuna mizmum il-habs**

**minhabba djun, fil-waqt li qal li l-opinjoni prevalenti fost l-awturi kontinentali hija li dawn id-dispozizzjonijiet ma japplikawx ghall-persuni *"imprisoned for debt",* zied jghid, anki meta kien qed jikteb fis-snin hamsin :-**

***"Whatever may be the correct solution of the problem under other systems of law , it is not thought that any question can arise under <u>our</u> law . In fact, section 158* (illum art. 160) *of the Criminal Code applies all the provisions relating to the escape of persons arrested or sentenced , <u>to the escape of any person lawfully confined from any place appointed for his custody.</u> It is submitted that the general expression "persons lawfully confined" comprises also a person imprisoned for debt."* (Pagna 138).**

**Issa jekk sahansitra fis-snin hamsin , il-gurista** Mamo **kien tal-opinjoni li seta' jikkonfigura r-reat ta' harba mill-kustodja anki minn persuna kundannata ghal prigunerija ghall-dejn civili, in forza tal-artikolu 158 (illum 160) tal-Kodici Kriminali u li ma kienx hemm il-htiega li l-prigunier ikun sentenzjat b' sentenza finali ta' Qorti Kriminali jew li jkun qed jigi processat ghal reat kriminali, *multo magis* illum , wara l-emendi tal-1999 , ghall-artikoli 151 u 152 , ir-reati hemm kontemplati ghandhom jikkonfiguraw anki meta l-harba ssir minn persuna li tahrab mill-post fejn tkun qed tigi kustodita.**

**Umbaghad kull riferenza ghall-awturi w guristi strangieri li jkunu qed jikkummentaw fuq dispozizzjonijiet li ma jkunux identici ghall-ligi Maltija, kif inhi llum u cioe' wara l-emendi tal-1999, ftit jista' jkollha valur.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi fil-kaz in ezami, l-appellant, kif jidher mill-kopja legali tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Frar, 2005, kien gie kundannat ghall-piena ta' tlitt snin u**

**nofs prigunerija. (fols 39 sa 46 tal-process) u ghalhekk skond l-artikolu 5 (2) (d) tal-Kap.217 kien immigrant ipprojbit. Hu serva s-sentenza tieghu l-habs u wara u fiz-zmien tar-reat kien qed jigi mizmum u detenut go post ta' kustodja in forza tal-ligi u cioe' l-istess Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta li fl-artikolu 14 (1) u (2) tiddisponi li persuna li titqies mill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni li tista' titnehha bhala immigrant ipprojbit u li dwarha tinhareg ordni ta' tnehhija, ghandha tinzamm taht kustodja sakemm hija titnehha minn Malta. Fil-fatt hu kien qed jinzamm fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija li , skond l-Avviz Legali tal-10 ta' Marzu, 1995, kien desinjat bhala post ta' detenzjoni. Xehed umbaghad l-Ispettur Mario Haber (fol. 54) li kkonferma li hu, bhala ufficcjal stazzjonat fit-Taqsima tal-Immigrazzjoni, kien hareg *"removal order"* (Dok. MHP 1) fit-22 ta' Mejju, 2005 kontra l-appellant peress li l-appellant kien wehel prigunerija ta' habs li kienet teccedi s-sena. Xehed ukoll li sakemm setghu jlestu l-proceduri biex igibulu passaport , kellhom izommuh detenut fil-Head Quarters tal-Pulizija. Ghal din il-Qorti din ix-xhieda w d-dokument esebit, li kuntrarjament ghal dak li jissotometti l-appellant, hu certament ammissibbli, huma bizzejjed biex jaghmlu l-prova rikjesta mill-ligi li l-appellant kien qed jigi detenut in forza ta' ligi . U anki jekk id-dokument MHP1 huwa in parti redatt bl-gharbi, hemm parti minnu li hija miktuba bil-Malti u kjarament tirriferi ghall-appellant u li tghid li qed tinhareg Deportation order ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap.217 ghaliex kif hemm miktub bil-lingwa Maltija :-**

***"Instabt hati ta' reat li ghalih hemm piena ta' aktar minn sena prigunerija."***

**L-appellant pero' jghid li tali kustodja ghandha tkun regolata minn regolamenti li jsiru mill-Ministru w l-ksur ta' tali regolamenti, jekk jezistu, jista', ghall-massimu, jkun punibbli bhala reat ta' natura kontravvenzjonali, kif provvdut fl-artikolu 34 tal-Kap.217.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi huwa minnu li l-ligi fl-artikolu citat mill-appellant tati l-fakolta' lill-Ministru responsabbli ghall-Immigrazzjoni li jaghmnel regolamenti ghat-tmexxija, kontroll u dixxiplina ta' kull post stabilit minnu ghad-detenzjoni ta' persuni, ghall-ikel tal-persuni mizmuma fih u ghall-piena li jehlu persuni mizmuma fih, f' kaz li jkunu ghamlu xi reat kontra dawk ir-regolamenti. Hu minnu ukoll li l-proviso ghall-art. 34 (2) jiddisponi li dik il-piena ma ghandhiex tkun aktar mill-piena stabilita mill-Kodici Kriminali ghall-kontravvenzjonijiet. Pero' apparti li dan hu poter fakoltattiv li nghata lill-Ministru w mhu bl-ebda mod mandatorju fis-sens li bil-fors irid jaghmel dawn ir-regolamenti, ikun addirittura assurd li wiehed biss jimmagina li f' dawn il-postijiet ta' detenzjoni allura – kemm jekk isiru regolamenti, kif ukoll jekk le - ma tapplikax il-ligi penali generali tal-pajjiz. Kieku kellu jreggi l-argument tal-appellant, il-kommissjoni ta' reat ta' omicidju, tentattiv ta' omicidju, ferita gravi , eccetera, minn persuna detenuta f' wiehed minn dawn il-postijiet ma jkunx prosegwibbli taht il-Kodici Kriminali, imma biss taht ir-regolamenti jekk jezistu, u punibbli b' ammenda ta' LM25 jew detenzjoni ghall-massimu w -jekk ma jsirux regolamenti - ma jkun prosegwibbli xejn.**

**Ghalhekk dan l-argument ma jreggix u l-artikolu 34 b' ebda mod ma jimplika jew jista' jimplika li l-ligi penali generali ma tapplikax f'kaz ta' reati kommessi minn detenuti f' postijiet ta' detenzjoni bhal dawn.**

**Lanqas ireggi l-argument tal-appellant li ghax l-Ispettur Sandro Zarb kien xehed li l-appellant kien ipprova jahrab darb' ohra qabel, izda ma kienux ressquh il-Qorti dik id-darba, allura ma kienx hemm ligi li tatihom is-seta' li jressquh din id-darba. L-esistenza o meno tal-ligi ma tohrogx mill-uzu tad-diskrezzjoni ta' ufficjal tal-Pulizija jekk iressaqx persuna akkuzata bil-ksur ta' dik il-ligi jew le. Dan mhux argument guridiku u lanqas biss logiku w din il-**

**Qorti ma jidhrilix li ghandha tiddilunga dwaru f' din is-sentenza.**

**Illi umbaghad ic-citazzjoni mid-dibattiti parlamentari b' ebda mod ma ssostni l-argument tal-appellant li d-dispozizzjonijiet tal-ligi kriminali ma japplikawx ghall harba minn post ta' kustodja ta' immigranti illegali. Fil-waqt li l-Ministru hemm qed itenni li l-fatt li wiehed ikun immigrant illegali, qed jigi depenalizzat, xorta qed isostni li l-immigrant illegali ghandu jigi <u>arrestat</u> u <u>jinzamm f' post ta' detenzjoni</u> sakemm jigi imkecci minn Malta.**

**Ergo dan l-aggravju, taht kull aspett li gie impostat, qed jigi michud.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-apprezzament ta' fatt li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94;** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi " **[14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel

sive Chalmer Pace” **[31.5.1991] ;** “Il-Pulizija vs. Anthony Zammit” **[31.5.1991] u ohrajn .**

**Ikkonsidrat;**

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta’ htija dwar l-imputazzjoni ta’ harba bi ksur tal-post imsemmi u dik li ghamel offizi ta’natura hafifa fuq il-Pulizija u hsara fuq il-perimiter fence tac-centru ta’ detenzjoni gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija w fuq l-uniformi ta’ PC 942 Saviour Chrircop .

**Ikkonsidrat;**

**Illi mill-istqarrija tal-appellant innifsu (Fols. 36 sa 38 tal-process), li hija l-*prova regina,* jirrizulta ampjament li hu kien harab mill-post tal-kustodja fejn kien qed jigi mizmum u li hu kien ghamel dan ghax kien iddejjaq wara li serva tlitt snin u nofs habs u rega spicca f’ habs iehor. Mistoqsi umbaghad : “*Il-bierah minn fejn hrigt int, sibna x-xibka tal-fence imqatta’. Dik int ghamiltha? U jekk iva , ghenek xi hadd?”***

**L-appellant wiegeb “**Jien ghamiltha wahdi.”

**Illi anki jekk fid-depozizzjoni tieghu (Fol.113) bidel din il-versjoni u qal :-**

*“Nixtieq nghid li fl-statement kont ghidt illi t-toqba kont ftahtha jien , fil-fatt ma kontx ftahtha jien imma kien fetahha dan siehbi Hadi , pero’ jien fl-statement kont ghidt hekk ghaliex ma ridtx nikxfu.”*

**apparti li dan ftit jista’ jagevola lill-appellant anki kieku jitwemmen ghaliex ladarba hu u dan Hadi kienu qed jaharbu flimkien u jidher li kien hemm il-prekoncert bejnu u bejn Hadi biex il-harba ssir billi ssir toqba fil-fence, allura kien ikun hemm il-komplicita’ fir-reat li ghall-fini ta’ piena ma taghmilx differenza, l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li temmen dak li qal l-appellant fl-istqarrija tieghu dwar min kien**

**ghamel it-toqba fil-fence u tiskarta dak li kien qed jghid l-appellant fix-xhieda tieghu, li seta' jghid b' certa konvenjenza ghax ladarba Hadi kien irmexxilu jahrab, ma setax jigi kontradett minnu.**

**Illi konsiderazzjonijiet dwar jekk il-fence f' dik il-parti kienetx dghajfa jew le huma irrilevanti f' dan il-kaz, ghax hu stess ammetta li fetah toqba go fiha u dan jikkostitwixxi l-element tal-ksur tal-post tal-kustodja li jirrendi l-harba aggravata skond il-ligi.**

**Illi din il-Qorti ghalhekk ma ghandha ebda raguni biex tiddisturba l-apprezzament ta' fatt li ghamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-Ewwel imputazzoni .**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-ispjegazzjonijiet li pprova jaghti l-appellant ghall-incident li gara meta kien ser jerga jigi arrestat mill-Pulizija huma implawsibbli ghall-ahhar. L-istess jinghid ghas-sottomissjonijiet li saru fir-rikors tal-appell tieghu dwar kif seta' gara li wegghu l-ufficjali tal-Korp tal-Pulizija li kienu qed jippruvaw jarrestawh u kif sfat danneggjata xi uniformi. L-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha setghet ragonevoment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija kif waslet u din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tvarja dan l-apprezzament ta' fatt li sar minnha.**

**Ghalhekk anki dan l-aggravju qed jigi respint fl-aspetti kollha tieghu.**

**Illi dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] ,** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn).**

**Fil-kaz in ezami l-piena hija zgur entro l-parametrii tal-ligi u, konsidrata il-gravita' tar-reati kommessi mill-**

**appellant u li hu recidiv fuq kundanna ghal diversi kazi ta' serq u sekwestri ta' persuni, feriti ta' natura gravi, pussess ta' armi, u li kien immigrant ipprojbit, jidher li - jekk xejn - l-Ewwel Qorti kienet miti zzejjed fil-konfront tieghu meta giet ghall-applikazzjoni tal-piena.**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------